MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 232/1994/1

**Edward u Frances mizzewgin Tabone**

**Vs**

**Etienne Borg**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fit-30 ta’ Novembru 1993 fis-7:15 p.m. f’Naxxar Road, San Gwann waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza Fiat numru E-0340 huwa baqa’ diehel fil-karozza Renault 9, numru A-5197 proprjeta` ta’ l-atturi, misjuqa mill-attrici Frances Tabone, liema incident awtomobilistiku gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, traskuragini u nuqqas ta’ tharis tar-

regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess li b’konsegwenza ta’ l-istess incident awtomobilistiku l-atturi sofrew danni, li ghalihom hu responsabbli l-konvenut;

Premess li l-konvenut ghalkemm interpellat biex jaddivjeni ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kagunati, huwa baqa’ inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

2. Tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi in linea ta’ danni l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra tas-16 ta’ Dicembru 1993 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess atturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tal—konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez, stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. illi m’huwiex minnu illi l-esponenti huwa responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta’ Novenbru 1993 fis-7:15 p.m. fi Triq in-Naxxar, San Gwann;

2. illi, anzi, hija proprju l-attrici li ghandha tinzamm unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni;

3. illi, ghalhekk, l-esponenti m'ghandux ibaghti ebda danni li gew ikkawzati fil-vettura misjuqa mill-attrici fl-incident imsemmi;

Salve eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-8 ta' Novembru 1996 li permezz tieghu gie nominat bhala perit legali Dr. Simon Micallef Stafrace biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 63 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 1998;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Bhal f'bosta kazi ohra ta' incidenti stradali jezistu anke f'dan il-kaz zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-kollizjoni tat-30 ta' Novembru 1993 f'Naxxar Road, San Gwann bejn il-vetturi taz-zewg kontendenti;

Fil-versjoni ta' l-attrici Frances Tabone (fol. 16) din tghid li dakinhar wara li ghalqet il-hanut taghha "Buttons and Bows" sitwat fl-istess triq, dahlet fil-car taghha li kienet ipparkjata, startjat u harget fuq il-main road.  Hi tissokta tghid illi wara li kienet saqet qisu tul ta' tletin (30) metru hasset daqqa fuq il-bumper ta' wara n-naha tal-lemin u l-

vettura li laqtitha baqghet tiskiddja mal-gemb in-naha leminija tal-car taghha;

Invece, skond il-konvenut (fol. 47 u fol. 69) wara li spicca mix-xoghol fis-Safemart Supermarket, dahal fil-car, proprjeta` ta' ommu, u waqt li kien miexi fid-dritt fit-triq principali, f'daqqa wahda da gie rinfaccjat minn karozza li hargitlu minn fuq ix-xellug tieghu minn posizzjoni ta' parkegg, bla dawl u bla indicator. Izid jaggungi illi hu pprova jevita billi dawwar l-isteering pero` l-habta sehhet xorta wahda;

Huwa principju ben affermat f'materja ta' kollizjonijiet illi r-regola fundamentali li ghandha tiggwida dejjem lill-utenti ta' vejikoli hi dik maghrufa bhala "*reasonable and careful look-out*", ossija "*proper look-out*". Din ir-regola tirrientra b'mod generali, f'materja ta' danni akwiljani, f'dak precizat mil-ligi fir-rigward tal-grad tal-kolpa u tar-responsabilita` ghad-danni. Hekk l-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili jirritjieni li hu in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' *bonus paterfamilias*;

Il-perit legali jattribwixxi t-tort ghall-incident fuq l-attrici. Mill-perizja li qed tigi addottata d-determinazzjoni tal-htija tohrog cara mid-daqqiet subiti mill-vettura ta' l-attrici u li jillustraw sew id-dinamika tas-sinistru;

L-indikaturi ta' din il-kolpa jirrizultaw oggettivament mill-fatt illi, kif rakkolt mis-*survey report* ta' John Borg Bellanti (fol. 23) l-vettura ta' l-attrici ssubiet l-impatt "*at the centre of the car i.e. on the doors*". Id-deskrizzjoni, imbaghad, li jaghti ta' l-estensjoni tad-danni tkompli tikkorobora l-element ta' prova certa li effettivamnet, kif ritenut mill-perit legali, l-incident sehh tort ta' l-attrici li harget minn "*parking position*", minghajr ma esplorat sew it-triq u b'hekk ostakolat lill-konvenut li kien ghaddej isuq fit-triq princiapli. Il-konkluzjoni tieghu hi rafforzata wkoll mill-fatt illi kif stabbilit mis-*surveyor* Joseph Buttigieg (fol. 72), li ezamina l-car tal-konvenut, il-hsarat f'din il-vettura kienet principalment fuq il-parti ta' quddiem in-naha tax-xellug, kif ukoll fuq il-bieba ta' wara, u fuq il-*mudguard*;

Ir-rilevanza ta’ dawn id-daqqiet issostni certament il-versjoni tal-konvenut milli dik ta’ l-attrici;

Regolament 46 tal-Highway Code jimponi fuq sewwieqa li ser jibdew isuqu minn posizzjoni stazzjonarja dan l-obbligu: “*Before you move off, look around, even though you may have looked in your mirror, to see that no one is about to overtake you. Give the proper signal before moving out, and only move when you can do so safely and without inconvenience to other road users. Give way to passing and overtaking vehicles*”;

Dan ir-regolament kellu certament jassisti u jiggwida lill-attrici biex taghraf tiddistingwi d-drittijiet mill-obbligi taghha u kellha ghalhekk tapplikah fic-cirkostanzi partikolari li kienet fihom;

Huwa veru li kif intqal fid-decizjoni “**Salvatore Bongailas –vs- Joseph Mercieca**”, Appell Civili, 20 ta’ Jannar 1967, “il-kwestjoni tar-responsabilita` f’incidenti stradali wisq rarament tista’ tigi risoluta semplicement bl-applikazzjoni ta’ regoli *a priori* billi kull kaz jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tieghu.” Eppure dawn l-istess regoli ghandhom iservu biex in linea generali l-konducenti ta’ vejikoli jaghrfu jiggwidawhom b’mod responsabbli fl-interess tas-sigurta` taghhom u ta’ utenti ohra tat-triq fil-kors tac-cirkolazzjoni tat-traffiku;

Il-kaz *de quo* huwa tipiku ta’ min mhux biss ma gharafx josserva r-regola suddetta izda, fuq kollox, li, fic-cirkostanzi maghrufa, ma hax hsieb juza l-kawtela l-aktar elementari biex jaccerta ruhu li t-triq kienet libera u li seta’ jemergi bla tfixkil jew diskapitu minn posizzjoni stazzjonarja fil-*flow of traffic*. Din, anzi, fil-fehma tal-Qorti kellha tkun ghall-attrici r-regola l-aktar razzjonali li kellha tiggwida l-kondotta fis-sewqan taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kaz billi bl-adozzjoni tar-relazzjoni peritali, tichad it-talbiet kollha ta’ l-atturi, bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------